C/2025/746

29.1.2025

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11853 – NOVO HOLDINGS / TA ASSOCIATES / BIOCOMPOSITES)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/746)

1. Fit-22 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Novo Holdings A/S ("Novo Holdings", id-Danimarka), ikkontrollata minn Novo Nordisk Fonden (id-Danimarka),

— TA Associates Management, L.P. (flimkien mas-sussidjarji tagħha, "TA Associates", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Matrix Topco Limited (flimkien mas-sussidjarji tagħha, "Biocomposites", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn TA Associates.

Novo Holdings u TA Associates se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Biocomposites.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Novo Holdings hija kumpannija privata b'responsabbiltà limitata Daniża u l-kumpannija holding ta' Novo Group. Novo Holdings hija responsabbli għall-ġestjoni tal-assi ta' Novo Nordisk Fonden permezz ta' investimenti strateġiċi fix-xjenzi tal-ħajja, is-saħħa planetarja u oqsma relatati u permezz ta' investimenti ta' natura finanzjarja u ta' kapital ta' riskju f'portafoll wiesa' ta' kumpaniji ddedikati għar-riċerka medika u xjentifika,

— TA Associates hija ditta globali ta' ekwità privata b'kumpaniji tal-portafoll attivi f'industriji magħżula, inklużi servizzi ta' negozju, konsumaturi, servizzi finanzjarji, kura tas-saħħa u teknoloġiji, li topera mad-dinja kollha,

— Biocomposites hija attiva fl-iżvilupp ta' komposti tal-kalċju u prodotti ta' polimeru ta' speċjalità għall-użu kirurġiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11853 – NOVO HOLDINGS / TA ASSOCIATES / BIOCOMPOSITES

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË